MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru. 639/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Cilia**

**vs**

**Mario Giovanni Taliana**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mario Giovanni Taliana ta’ 45 sena, bin Anthony u Carmen nee’ Cassar, imwieled Mtarfa fl-14 ta’ Gunju 1963 u residenti f’ 66, Triq V. Menville, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 346263(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fid-19 ta’ Mejju 2008 u fi granet precedenti, gewwa l-Qawra u f’ postijiet ohra gewwa dawn l-Gzejjer,

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distinitivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid ; jew

b. Ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija, b’ din il-marka, sinjal jew emblema ; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’ qerq ;

u cioe diversi portmonijiet u basktijiet tad-Ditta Louis Vuitton.

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra – u f’ dan il-kaz prodotti tad-ditta Louis Vuitton – u dan bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha ;

Il-Qorti kienet gentilment wkoll mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment miltuba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Lulju 2008 (esebit *a folio* 25 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur kontemplati fl-Artikoli 298 u 298B rispettivament. Mill-provi rrizulta li fid-19 ta' Mejju 2008 saret spezzjoni minn PC344 Christopher Vella u PC 1438 Emanuel Zerafa fil-hanut bl-isem ta' Beaches li jinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba fejn gew elevati 74 wallets, 10 basktijiet (handbags) zghar u 13-il handbag ikbar (vide ricevuta esebita a fol. 23 tal-process). Dawn l-oggetti gew sekwestrati ghaliex il-Pulizija dehrilhom li dawn l-oggetti kienu counterfeit stante li kellhom fuqhom markji jew disinji li kienu simili jew kwazi identici ghal markji tad-ditta rinomata Louis Vuitton. Meta l-Pulizija tkellmet mal-propjetarju tal-hanut, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna, huwa kkonferma li l-hanut kien tieghu u li huwa kien xtara l-oggetti li gew sekwestrati mill-Pulizija, minghand grossista minn Catania, l-Italja bl-isem ta' La Rosa. Huwa cahad li kien qed jipprova jispaccja dawn l-oggetti bhala tal-marka Louis Vuitton u sostna wkoll li l-marki jew sinjali li kien hemm fuq l-oggetti li huwa kien qed jesponi ghall-bejgh kienu differenti minn dawk tal-marka Louis Vuitton.

L-imputat sussegwentement irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 21 u 22 tal-process) u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 46 sa 51 tal-atti

processwali) fejn ikkonferma li kien xtara l-oggetti sekwestrati minghand ditta minn Catania u qal li dawn l-oggetti kellhom il-markju ta' Xouli u mhux ta' Louis Vuitton. Huwa sostna wkoll li huwa qatt ma kien biegh prodotti counterfeit ta' Louis Vuitton u qal li il-prodotti bil-markju
Louis Vuitton jinbieghu bi prezzijiet ferm oghla minn dawk li huwa kien qed ibiegh l-oggetti konfiskati. Huwa qal ukoll lli kien importatur ta' diversi prodotti ta' ditti barranin u li jekk ibiegh prodotti counterfeit dan kien jikkrejalu danni kbar fir-relazzjonijiet tieghu mal-produtturi barranin li taghhom huwa kien agent lokali.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur. In succinct il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat iffalsifika jew biddel minghajr l-uzu tas-sid jew altrimenti ghamel uzu minn ismijiet, markji jew sinjali propjeta' ta' Louis Vuitton u dan minghajr l-uzu tas-sid ta' dawn il-markji jew sinjali distintivi u li spaccja jew qieghed fic-cirkolazzjoni billi poggihom ghall-bejgh merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq. Huwa qed jigi akkuzat ukoll li stampa, immanifattura, idduplika jew biegh jew offra ghall-bejgh prodotti bi ksur tad-drittijiet tal-awtur appartenenti lid-ditta Louis Vuitton u protetti hawn Malta.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa u l-ahjar prova sabiex ikunu jistghu ireggu l-akkuzi fil-konfronti tal-imputat, u cioe' hija naqset milli ggib il-prova ta' x'inhuma il-markji, sinjali distintivi jew drittijiet tal-awtur appartenenti lid-ditta Louis Vuitton. Din il-prova kellha u setghat issir billi jigu prodotti tramite l-Ufficju tal-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali ic-certifikati tar-registrazzjoni tal-imsemmija ditta. F'dan il-kaz kull ma ghandha quddiemha l-Qorti hija kwerela (inserita a fol. 18 tal-process) fejn qed jinghad li s-socjeta' estera Louis Vuitton Mallettier hija propjetarja ta' diversi trademarks, ismijiet u disinji u fejn qed jigi allegat li fil-hanut Beaches fi triq it-Turisti, l-Qawra kienu qed jinbieghu diversi oggetti li

kienu counterfeit ghaliex kellhom fuqhom l-markji jew disinni falsifikati ta’ Louis Vuitton. Il-Prosekuzzjoni izda fl-ebda stadju ma gabet prova ta’ x’inhuma dawn il-markji u disinni li huma propjeta’ esklussiva tad-ditta estera Louis Vuitton. Il-Qorti ghalhekk ma tistghax tivverifika jekk effettivament l-oggetti konfiskati mill-hanut propjeta’ tal-imputat mill-Pulizija kienux qed jigu spaccjati bi ksur ta xi drittijiet appartenenti lis-socjeta kwerelanti ghaliex ma ngabitx il-prova ta’ x’kienu id-drittjiet appartenenti lis-socjeta’ kwerelanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------